**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 20 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 10**

**Avviz Nru: 1807/01AE**

**Anthony Spiteri u Carmel Spiteri**

**vs**

**Edwin Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha l-atturi qeghdin jitolbu il-hlas tas-somma ta' mitejn u disgha u sittin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm269.21) hlas ghall-appogg billi l-konvenut bena ma' hajt li huwa ta' l-atturi.

Ra r-risposta (fol. 9) li permezz taghha filwaqt li l-konvenut ikkonferma li huwa ghandu jhallas is-somma pretiza, huwa qieghed jippretendi li l-atturi huma debituri tieghu fl-ammont

ta' elf lira Maltija (Lm1,000) rapprezentanti l-valur ta' art li okkupaw illegalment bil-bini taghhom l-atturi liema art tappartjeni lill-konvenut.

Ra r-risposta (fol. 24) li giet prezentata mill-atturi ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, u li permezz taghha l-atturi eccepew preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal sabiex jiddecidi l-kontro-talba.

Semgha l-avukati difensuri jitrattaw il-kaz.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Illi skond l-Artikolu 3(2) ta' l-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar, dan it-Tribunal ghandu ***"ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' <u>biss it-talbiet kollha ta' flus</u> ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500)"***.

2. Imbaghad l-Artikolu 3(5) ta' l-istess Att jipprovdi: ***"Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar propjeta' ta' beni immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli ghad li t-talba ma tkunx tiskorri l-elf u hames mitt lira Maltija, u kawzi ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal"***.

3. It-talba rikonvenzjonali hija bazata fuq l-istitut ta' l-accessjoni (Artikolu 571 tal-Kodici Civili – Kap. 16). Huwa minnu li permezz tal-kontro-talba l-konvenut qieghed jitlob hlas ta' somma li ma teccedix elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500). B'danakollu sabiex it-Tribunal ikun jista' jinvestiga l-kontro-talba ser ikollu jidhol fi kwistjonijiet ta' propjeta. Fl-ewwel lok ser ikollu jigi nvestigat ta' min hi l-propjeta tal-porzjon in kwistjoni. Fil-fatt l-atturi qeghdin jikkontestaw li huma nvadew xi propjeta ta' l-attur (fol. 26). Materja li hija eskluza espressament mill-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, ghalkemm it-talba ma tiskorrix l-elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500).

4. Fir-rigward tat-talba ta' l-atturi ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u disgha u sittin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm269.21), din hija ammessa mill-konvenut (ara risposta a fol. 19).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kaz billi:

1. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u disgha u sittin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm269.21).

2. Jiddikjara li m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-kontro-talba li giet intavolata mill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**